**STQARRIJA MINISTERJALI MAGĦMULA MILL-MINISTRU GĦALL-EDUKAZZJONI U XOGĦOL, L-ONOR. EVARIST BARTOLO, DWAR ID-DIRETTIVA TAL-MUT DWAR L-EŻAMIJIET TAL-MATEMATIKA U L-MALTI**

Qabel ma kien hemm il-ftehim settorjali ta' Diċembru 2017 għalliem fl-iskola tal-istat kien ikollu sa massimu ta' 26 lezzjoni fil-ġimgħa. Permezz tal-ftehim settorjali l-massimu tal-lezzjonijiet li għalliem jista' jkollu huwa ta' 25 lezzjoni fil-ġimgħa, bin-numru ta' 25 ikun f'każijiet eċċezzjonali. Waqt id-diskussjonijiet tal-ftehim settorjali ma kien hemm l-ebda ambigwità u fil-fatt aħna urejna fiduċja fl-MUT li l-ftehim jirrispetta dan, li din primarjament tirreferi għas-suġġetti tal-Matematika jew tal-Malti. Sa ftit snin ilu kien hawn numru ta' għalliema tal-matematika li ma kellhomx impjieg għax id-domanda ma kinitx biżżejjed. Fassalna programmi aktar speċjalizzati għall-ġid tat-tfal tagħna biex it-tagħlim ikun aktar personalizzat u l-klassijiet iżgħar. Jien u ħafna oħrajn konna ilna snin nitkellmu fuq edukazzjoni aktar individwali għall-istudenti u naħseb li dan kien pass pożittiv. Illum, fil-każ tal-Matematika u tal-Malti dawk l-għalliema li ma kienx hemm domanda għalihom issa ġew ingaġġati u l-Ministeru għandu sejħa miftuħa s-sena kollha biex kulmin huwa interessat u għandu l-kwalifiċi japplika u jiġi ingaġġat minnufih. In-numru tat-tfal f'dawn l-aħħar ħames snin naqas hekk kif fis-sena skolastika 2012-13 kien hemm total ta' 12,670 student fl-iskejjel medji u sekondarji u matul din is-sena skolastika hemm total ta' 11,108 student. Minħabba li l-klassijiet huma iżgħar għandna aktar lezzjonijiet u n-numru ta' għalliema kemm fil-Matematika u kemm fil-Malti baqa' fl-istess ilmijiet.

Fil-livell medju u sekondarju llum għandna 3.5% tal-għalliema li huma l-kazijiet eċċezzjonali tal-*load* tal-25 lezzjoni fil-ġimgħa. M'iniex qiegħed hawn biex ngħid li għalliem għandu jkollu *load* ta' 25 lezzjoni. Jien nixtieq li dak in-numru jiġi żero u ngħidha bil-fatti. Il-Ministeru għadu kif ingaġġa 14-il għalliem tal-Malti u sitt għalliema tal-Matematika ġodda għas-sena skolastika li jmiss. Matul din is-sena ħadna numru ta' miżuri biex inkomplu nħeġġu aktar nies jidħlu fl-edukazzjoni u s-17-il proposta li ressqet l-MUT, aħna mhux nappoġġjaw ftit jew ħafna minnhom, aħna infurmajniehom li nappoġġjawhom kollha. Jien Ministru responsabbli tax-xogħol u li ma ssibx biżżejjed persuni f'linja speċifika jew partikolari mhix realtà tas-settur edukattiv biss imma tal-oqsma kollha tal-pajjiż, mis-settur tal-IT sas-settur tal-manifattura. Bħala Ministeru m'għandna l-ebda impediment li ma ndaħħlux għalliema tal-Matematika u tal-Malti, anzi rridu naraw kif se nħeġġu iżjed. Fil-fatt is-sejħa għal dawn l-għalliema ilha miftuħa xhur u se tibqa' miftuħa.

Jien nifhem lil dawk l-għalliema li għandhom *load* ta' 25 u li forsi jaraw għalliema fl-istess suġġett u fl-istess skola li għandhom *load* ta' 5 jew ta' 10 lezzjonijiet fil-ġimgħa. Fil-Matematika hemm iżjed li għandhom *load* ta' 5 jew ta' 10 milli *load* ta' 25. Allura nifhem is-sentiment tagħhom. Hemm ħafna raġunijiet għalxiex teżisti din id-diskrepanza; hemm element ġustifikabbli fejn għalliem ikollu *loads* ta' suġġetti oħra u element li fl-opinjoni tiegħi mhux ġustifikabbli. Jien għalhekk tlabt lid-direttorat biex għas-sena skolastika li ġejja jiggarantixxi aktar bilanċ biex fejn hemm ċirkostanzi li mhumiex *fair,* anke jekk ma ssolvix il-kwistjoni kollha, dawn il-passi jittieħdu ħalli jkun hemm aktar ekwità fost il-*loads* bejn l-għalliema tal-Matematika u tal-Malti. Għalhekk dawn l-għalliema li għandhom *load* ta' 25 lezzjoni fil-ġimgħa, minkejja li din taqa' taħt il-parametri tal-ftehim settorjali u li dawn jagħmlu biss 3.5% tat-total tal-għalliema sekondarji m'għandi l-ebda problema ngħidilhom direttament li kull għalliem disponibbli u kwalifikat se jiġi ingaġġat, li m'hemm l-ebda tip ta' *capping* fuq l-ammont ta' għalliema li jiġu ingaġġati u li jien

lest nikkunsidra kull tip ta' miżura li tiġi proposta mingħand kull *stakeholder* biex insibu aktar persuni jaħdmu f'dawn is-suġġetti.

Fid-dawl ta' dan nemmen li din id-direttiva għandha tiġi sospiża għaliex il-volontà tal-gvern hija ċara u l-miżuri proposti mill-*union* mhux talli b'mod konkret ġew appoġġjati, imma l-Ministeru mar oltrè dawk. Il-Ministeru se jkun qed jistieden lill-MUT biex b'laqgħa ta' konċiljazzjoni niddiskutu u naqblu fuq it-tifsira ta' 'każijiet eċċezzjonali' li hemm imniżżel fil-ftehim settorjali ħalli l-partijiet kollha jkollhom stampa ċara. Inżid li għadni kif ġejt infurmat li l-MUT aċċettat li ssir din il-laqgħa.

Lill-għalliema ngħidilhom li se nkomplu nipproteġu u nsaħħu r-reputazzjoni tal-vokazzjoni u fl-istess ħin intejbu l-ambjent tax-xogħol tagħhom fl-iskejjel.

Nixtieq li kull minn għandu influwenza fuq din id-deċiżjoni jiftakar fis-sagrifiċċji kbar li jagħmlu l-ġenituri u t-tfal. Nixtieq li japprezzaw kemm huma importanti dawn l-eżamijiet għalihom u biex ma jagħtix għodda lil ċerti individwi biex jużawhom b'mod dispreġġjattiv, fuq il-mezzi soċjali u oltrè, u jtappnu l-vokazzjoni u x-xogħol tal-għalliema. Għalhekk għall-ġid tal-għalliema, tal-ġenituri u fuq kollox u l-aktar importanti tat-tfal li ilhom xhur jippreparaw għal dawn l-eżamijiet, terġa' tiġi kkunsidrata din id-direttiva ħalli nkunu nistgħu naħdmu flimkien - għalliema, studenti u ġenituri - f'direzzjoni waħda għall-ġid tal-edukazzjoni ta' pajjiżna.